KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 4.7.2011
KUMM(2011) 396 finali

2011/0176 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-Assistenza Makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi

{SEG(2011) 865 finali}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sa mill-varar tagħha fl-1990, l-Assistenza Makrofinanzjarja (Macro-Financial Assistance - MFA) bdiet tintuża sabiex tagħti assistenza finanzjarja ta' natura makroekonomika lil pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jesperjenzaw diffikultajiet ta' bilanċ tal-pagamenti fuq perjodu ta' żmien qasir. Sa issa ġie approvat ammont totali ta' 55 deċiżjoni ta' MFA li minnhom ibbenifikaw 23 pajjiż, b'impenji totali li jammontaw għal EUR 7.4 biljun, fl-għamla ta' għotjiet u self.

L-MFA tikkumplimenta l-finanzjament ipprovdut mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) fil-kuntest ta' programm ta' aġġustament u riforma. Dan huwa rikonoxximent tal-fatt li, għalkemm fi ħdan l-arkitettura ekonomika globali, il-forniment ta' appoġġ għall-bilanċ tal-pagamenti huwa primarjament ir-rwol tal-FMI, f'xi każijiet huwa xieraq għall-UE li tissupplimenta, fuq bażi eċċezzjonali, l-assistenza tal-FMI għal pajjiżi li huma politikament, ekonomikament u ġeografikament qrib tal-UE.

Minbarra l-eżistenza ta' arranġament finanzjarju tal-FMI, il-prekundizzjonijiet ewlenin għall-forniment tal-MFA mill-UE huma l-eżistenza ta' distakk ta' finanzjament estern residwu , kif stmat mill-Kummissjoni flimkien mal-FMI, u r-rispett ta' istituzzjonijiet u mekkaniżmi demokratiċi effettivi fil-pajjiż benefiċjarju. Wara l-approvazzjoni ta' operazzjoni tal-MFA, l-iżborż tal-assistenza huwa kundizzjonali fuq progress sodisfaċenti taħt il-programm tal-FMI u fuq l-issodisfar, mill-pajjiż riċevitur, ta' ċerti miżuri ta' politika ekonomika u finanzjarja, miftiehma bejn l-UE u l-pajjiż benefiċjarju abbażi ta' fehim konġunt tal-isfidi ekonomiċi u strutturali ewlenin tal-pajjiż. L-MFA hija eċċezzjonali fin-natura tagħha u għandha titwaqqaf ladarba l-pajjiż ikun jista' jissodisfa l-ħtiġijiet tal-finanzjament estern tiegħu permezz ta' sorsi oħrajn, bħall-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali (IFIs) u l-influssi ta' kapital privat.

L-MFA għamlet kontribuzzjoni siewja lill-istabbiltà makroekonomika fil-pajjiżi kandidati, kandidati potenzjali u dawk tal-viċinat tal-UE, b'effetti pożittivi mifruxa fuq l-ekonomija tal-UE. Madankollu, uħud mill-karatteristiċi tagħha għandhom it-tendenza li jnaqqsu l-effikaċja u t-trasparenza tagħha. B'mod partikolari, bħalissa l-MFA hija soġġetta għal deċiżjonijiet leġiżlattivi każ b'każ, jiġifieri, il-varar ta' kull operazzjoni individwali tal-MFA ma' pajjiż fi kriżi teħtieġ deċiżjoni leġiżlattiva separata.

1.1. Raġunijiet għal u għanijiet tal-proposta

Bir-Regolament ta' Qafas propost, il-Kummissjoni beħsiebha toħloq strument legali formali għal MFA lil pajjiżi terzi. L-għan primarju huwa li l-MFA ssir aktar effikaċi billi jiġi ssemplifikat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha. Kif ġie enfasizzat mill-kriżi finanzjarja globali, l-indirizzar b'mod effikaċi ta' sitwazzjonijiet makroekonomiċi u finanzjarji ta' emerġenza jeħtieġ strument ta' reazzjoni għall-kriżijiet li jkun jista' jintuża malajr u b'mod effiċjenti. Dan jitlob għal proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jevita proċeduri twal u dewmien. Ir-Regolament propost ser iħaffef il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għal operazzjonijiet individwali tal-MFA sabiex l-istrument ikun jista' jgħin aħjar lill-pajjiżi benefiċjarji jirreżistu għall-pressjonijiet finanzjarji esterni fuq perjodu ta' żmien qasir, filwaqt li jappoġġjahom fl-adozzjoni ta' miżuri ta' aġġustament maħsuba biex terġa' tinkiseb pożizzjoni sostenibbli ta' bilanċ tal-pagamenti. L-abbiltà li l-MFA tintuża aktar malajr għandha żżid ukoll il-kumplimentarjetà tagħha mal-faċilitajiet tal-IFIs.

Barra minn hekk, ir-Regolament propost għandu jallinja l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-MFA ma' dak ta' strumenti oħra ta' assistenza finanzjarja esterna tal-UE. Notevolment, il-Kummissjoni ser ikollha l-kompetenza li tadotta deċiżjonijiet li jagħtu l-MFA, taħt is-superviżjoni ta' kumitat ta' rappreżentanti tal-Istati Membri, skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni introdotta mir-regoli ġodda tal-komitoloġija, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2011.[1]

Ir-Regolament ta' Qafas propost jimmira wkoll li jifformalizza u jikkjarifika r-regoli ewlenin li jirregolaw l-MFA, bil-għan li jissaħħu t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-istrument, mingħajr ma jbiddlu b'mod sostanzjali. Sa issa, l-MFA kienet ibbażata fuq prinċipji stabbiliti minn konklużjonijiet tal-Kunsill. Dawn il-"kriterji Genval"[2] jistipulaw l-ambitu ġeografiku, il-prekundizzjonijiet u l-modalitajiet prinċipali għall-implimentazzjoni tal-MFA. Huma servew bħala linja gwida utli għall-operazzjonijiet passati tal-MFA. Għalhekk, dawn għandhom jinżammu u jiġu affermati mill-ġdid. Ir-Regolament propost jaġġorna u jikkjarifika wħud minn dawn il-kriterji.

Il-ħtieġa li jiġi adottat Regolament ta' Qafas sabiex il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-MFA jsir aktar effiċjenti, tiġi pprovduta bażi legali aktar trasparenti għal dan l-istrument u jiġu rfinuti wħud mill-kriterji Genval kienet rikonoxxuta mill-Parlament Ewropew minn kmieni fl-2003 fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-MFA għal pajjiżi terzi.[3]

Barra minn hekk, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, id-deċiżjonijiet dwar l-MFA ma għadhomx jittieħdu mill-Kunsill waħdu, iżda skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (kodeċiżjoni). Dan enfasizza l-ħtieġa li l-Parlament jingħata sjieda konġunta tar-regoli u l-kriterji li jirregolaw l-MFA, billi jinkorporahom fi strument legali bażiku approvat miż-żewġ koleġiżlaturi. Ir-Regolament ta' Qafas propost ser jagħti tali status formali u legalment vinkolanti lill-kriterji Genval.

1.2. Kuntest ġenerali

Il-kriżi finanzjarja globali tal-2008-09 enfasizzat l-importanza li l-UE tkun mgħammra b'sistemi ta' prevenzjoni u ġestjoni solidi u li jaġixxu bi prontezza, inklużi faċilitajiet finanzjarji xierqa. Il-proċess tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet leġiżlattivi separati għal kull operazzjoni ta' MFA kellu t-tendenza li jirriżulta f'dewmien sinifikanti bejn it-talba għall-appoġġ mill-pajjiż u l-ewwel żborż. Dan qiegħed jagħmel ħsara lill-effikaċja ta' strument li huwa maħsub biex jintuża fil-kuntest ta' sitwazzjonijiet kritiċi ta' bilanċ tal-pagamenti li jeħtieġu reazzjoni malajr. Il-proċess twil wassal għal distakk ta' żmien bejn l-approvazzjoni tal-programmi FMI u l-operazzjonijiet MFA tal-UE assoċjati magħhom. Skont dawn il-kunsiderazzjonijiet, metaevalwazzjoni tal-2009 ta' operazzjonijiet passati tal-MFA[4] identifikat id-dewmien fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar l-MFA bħala nuqqas importanti tal-istrument – nuqqas li jimmira li jindirizza r-Regolament ta' Qafas propost. Minbarra dan, il-

---

1 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13), li jissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

2 Il-kriterji Genval ġew iddikjarati l-aħħar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-ECOFIN tat-8 ta' Ottubru 2002.

3 ĠU C 68 E, 18.3.2004, p. 86.

4 "Meta-evaluation of Macro-Financial Assistance Operations, 2004-2008. Final Report", GHK Consulting, Ottubru 2009, disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/economy_finance/evaluation/pdf/final_report_meta_annex_en.pdf.

proċedura ta' kodeċiżjoni li tapplika għall-MFA fl-ambitu tat-Trattat ta' Lisbona, flimkien mal-ħtieġa li l-parlamenti nazzjonali jingħataw mill-inqas tmien ġimgħat sabiex jużaw id-dritt tagħhom li jiflu l-leġiżlazzjoni ġdida bir-reqqa, jistgħu jirriżultaw fi proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jieħu aktar fit-tul. Dan tal-aħħar ipprovda raġuni ulterjuri għalfejn qed jiġi propost dan ir-Regolament ta' Qafas issa.

1.3. Paragun mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet

Skont ir-Regolament ta' Qafas propost, il-Kummissjoni għanda tippreżenta abbozzi ta' deċiżjonijiet dwar l-MFA speċifiċi għall-pajjiżi lil kumitat ta' rappreżentanti tal-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat"). Il-Kumitat imbagħad jipprovdi opinjoni skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni stabbilita mir-regolament tal-komitoloġija li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2011.[5] Dan il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ser jieħu post id-deċiżjonijiet leġiżlattivi attwali li jieħdu aktar fit-tul u li jittieħdu fuq bażi ta' każ b'każ għall-MFA.

Skont ir-regolament tal-komitoloġija, il-Kumitat ser ikun kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri u ppresedut mill-Kummissjoni, bil-president ma jkollux id-dritt li jivvota. Il-proċedura ser tkun kif ġej: Il-Kummissjoni tippreżenta lill-Kumitat l-abbozz tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jagħtu MFA lil pajjiż terz ("abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni"). Fil-każ ta' opinjoni pożittiva mill-Kumitat (adottata minn maġġoranza kkwalifikata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri) dwar id-deċiżjonijiet proposti, il-Kummissjoni tadottahom. Fil-każ ta' opinjoni negattiva tal-Kumitat (adottata wkoll minn maġġoranza kkwalifikata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri), il-Kummissjoni ma tadottahomx, għalkemm tista' tirreferihom lill-kumitat tal-appelli jew tippreżenta abbozzi emendati. Fl-aħħarnett, jekk ma tiġi ppreżentata l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni xorta waħda tista' tadotta l-abbozz tad-deċiżjonijiet, sakemm ma jkunx hemm maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Kumitat li jopponuhom.

Ladarba tiġi adottata deċiżjoni li tiġi pprovduta assistenza lil pajjiż terz skont il-proċedura deskritta sa issa, il-Kummissjoni tkun tista' timplimenta l-operazzjoni tal-MFA. Il-Memorandum ta' Ftehim li jistabbilixxi l-miżuri ta' politika assoċjati mal-assistenza jkun adottat mill-Kummissjoni, soġġett għall-opinjoni tal-Kumitat. Għal dan il-għan, il-Kumitat jaġixxi skont il-proċedura ta' konsultazzjoni minħabba li dawn il-Memoranda ma għandhom l-ebda implikazzjoni baġitarja, jew implikazzjonijiet għal pajjiżi terzi, lil hinn minn dawk tad-deċiżjoni li tagħti l-assistenza. Ladarba jiġi adottat Memorandum ta' Ftehim, il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-assistenza soġġetta għal implimentazzjoni sodisfaċenti tal-programm ekonomiku appoġġjat mill-FMI u tal-miżuri ta' politika miftiehma bejn l-UE u l-pajjiż benefiċjarju.

Kif previst fl-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser ikollhom aċċess għad-dokumenti li jikkonċernaw il-proċedimenti tal-Kumitat u d-dritt li jikkontestaw l-abbozzi tal-atti ta' implimentazzjoni mressqa mill-Kummissjoni, f'każ li wieħed minnhom iqis li dawn imorru lil hinn mis-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament ta' Qafas.

Linji gwida għall-operazzjonijiet ta' MFA

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011, *op. cit.*

Minbarra l-bidliet fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, ir-Regolament ta' Qafas jifformalizza wkoll u, fejn xieraq, jaġġorna il-kriterji Genval li jiggwidaw l-operazzjonijiet tal-MFA. Dawn il-kriterji ġew iddikjarati l-aħħar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-ECOFIN tat-8 ta' Ottubru 2002 u kkonfermati mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju f'Marzu 2006.

- *Eċċezzjonalità:* L-MFA hija eċċezzjonali fin-natura tagħha, tiġi immobilizzata fuq bażi ta' każ b'każ sabiex tgħin lill-pajjiż riċevitur jindirizza d-diffikultajiet baġitarji jew tal-bilanċ tal-pagamenti fuq perjodu ta' żmien qasir. Hija għandha titwaqqaf ladarba l-pajjiż ikun jista' jissodisfa l-ħtiġijiet tal-finanzjament estern tiegħu permezz ta' sorsi oħrajn.

- *Delimitazzjoni ġeografika:* Skont il-kriterji Genval, l-MFA hija riservata għal pajjiżi terzi b'rabtiet politiċi u ekonomiċi mill-qrib mal-UE. Fl-2002, il-Kunsill speċifika li hija maħsuba biex tkopri l-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, it-tliet pajjiżi Ewropej tas-CIS [(Commonwealth of Independent States – Commonwealth tal-Istati Indipendenti) - Il-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina] u l-pajjiżi kkonċernati mill-proċess ta' Barċellona (jiġifieri dawk il-pajjiżi li jkunu ffirmaw, jew li mistennija jiffirmaw Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranji). F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun hemm pajjiżi terzi oħrajn li jsiru huma wkoll eliġibbli.

  Ir-Regolament ta' Qafas jiddefinixxi, bħala pajjiżi u territorji eliġibbli għall-MFA, il-pajjiżi kandidati u dawk kandidati potenzjali, il-pajjiżi u t-territorji kollha koperti bil-Politika Ewropea tal-Viċinat (inklużi dawk tal-Kawkasu tan-Nofsinhar: l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja), kif ukoll pajjiżi terzi oħra f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament iġġustifikati. Tali pajjiżi oħra jridu jkunu politikament, ekonomikament u ġeografikament qrib tal-UE.

- *Prekundizzjonijiet politiċi:* Skont il-valuri fundamentali tal-UE, pajjiż riċevitur potenzjali għandu jkollu fis-seħħ istituzzjonijiet u mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi sistemi parlamentari b'bosta partiti, u jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.

- *Il-komplementarjetà u l-qsim tal-piżijiet:* L-operazzjonijiet ta' MFA huma kontinġenti fuq l-eżistenza u l-implimentazzjoni sodisfaċenti ta' programm appoġġjat mill-FMI fil-pajjiż riċevitur li jinvolvi l-użu ta' fondi tal-FMI. Bil-għan li jsir qsim xieraq tal-piżijiet finanzjarji bejn l-UE u donaturi oħrajn, il-kriterji Genval stabbilixxew limitu għall-kontribuzzjoni tal-UE ta' 60 % tad-distakk ta' finanzjament estern resiwdu tal-pajjiż (jiġifieri wara l-appoġġ mistenni mill-IFIs) għall-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali u ta' terz tad-distakk ta' finanzjament estern resiwdu għal pajjiżi oħrajn.

  Filwaqt li tafferma mill-ġdid il-prinċipji tal-komplementarjetà għall-appoġġ tal-IFI u l-qsim tal-piż ma' donaturi oħra, il-Kummissjoni ma tipproponix li tinkludi limiti espliċiti għas-sehem tal-kontribuzzjoni li ssir mill-MFA tal-UE biex jiġu koperti d-distakki finanzjarji residwi ta' pajjiżi benefiċjarji. Dan jirrefletti esperjenza passata li distakki ta' finanzjament huma, f'ċerti każijiet, diffiċli li jiġu stmati b'mod preċiż. Minbarra dan, donaturi bilaterali li mhumiex tal-UE, ġeneralment, jipparteċipaw biss fuq skala żgħira, dejjem jekk jipparteċipaw, fil-kopertura ta' distakki ta' finanzjament estern ta' pajjiżi ġirien tal-UE.

- *Kundizzjonalità:* Il-varar ta' kwalunkwe operazzjoni ta' MFA hija kundizzjonali fuq il-pajjiż li jkollu fis-seħħ programm appoġġjat mill-FMI li jinvolvi l-użu ta' fondi tal-FMI. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, f'isem l-UE, tiftiehem mal-pajjiż riċevitur fuq sett separat ta' kundizzjonijiet politiċi. Dawn il-kundizzjonijiet huma stipulati f'Memorandum ta' Ftehim (Memorandum of Understanding - MoU).

- *Dixxiplina finanzjarja:* Meta MFA tieħu l-għamla ta' għotja, il-fondi jiġu mill-baġit tal-UE. L-ammonti pprovduti bħala MFA għandhom ikunu konsistenti mal-limiti stabbiliti għall-approprjazzjonijiet tal-baġit rilevanti fil-Perspettivi Finanzjarji multiannwali tal-UE. Meta tieħu l-għamla ta' self, il-Kummissjoni, f'isem l-UE, toħroġ bond fis-swieq kapitali li jkun jaqbel mat-termini finanzjarji miftiehma mal-pajjiż benefiċjarju u ssellef l-ammonti lil terzi minnufih. Sabiex ikopri kontra r-riskju ta' inadempjenza mill-pajjiżi benefiċjarji, il-bond tal-UE huwa garantit mill-Fond ta' Garanzija, li huwa pprovdut b'rata ta' 9 % tal-ammont pendenti.

  Sabiex isaħħaħ id-dixxiplina finanzjarja u jtejjeb il-prevedibbiltà tal-istrument, ir-Regolament ta' Qafas jipproponi approċċ aktar trasparenti sabiex jiġi stabbilit taħt liema ċirkostanzi l-MFA għandha tiġi pprovduta fl-għamla ta' self jew għotja, jew kombinazzjoni tat-tnejn. Skont il-Bank Dinji u l-prattika tal-FMI, il-kriterji ewlenin li jiddeterminaw l-għamla tal-assistenza huma: il-livell tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali (livelli medji tad-dħul, proporzjonijiet tal-faqar); u s-sostenibbiltà tad-dejn, anki fid-dawl tal-kapaċità ta' pajjiż li jħallsu lura.

1.4. Konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħrajn tal-Unjoni

Ir-regolamenti ta' qafas ġew adottati għall-istrumenti finanzjarji esterni ewlenin kollha tal-UE (l-Istrument għal Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument għall-Istabbiltà, l-Istrument għall-Kooperazzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari u l-Għajnuna Umanitarja). Dawn ikopru l-perspettiva finanzjarja 2007-13 u jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Il-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet prevista għall-MFA skont ir-Regolament ta' Qafas propost hija simili għall-proċedura użata fi strumenti oħrajn ta' finanzjament estern.

L-MFA u strumenti oħrajn ta' assistenza esterna qegħdin isaħħu lil xulxin. Il-miżuri ta' politika li jridu jiġu miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju huma konsistenti mal-ftehimiet ta' sħubija, kooperazzjoni jew assoċjazzjoni eżistenti konklużi bejn l-UE u l-pajjiż benefiċjarju. Barra minn hekk, l-MFA tista' żżid l-effikaċja tal-programmi appoġġjati minn strumenti finanzjarji esterni oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-proġetti ffinanzjati skont l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, notevolment billi tikkontribwixxi sabiex tiżgura qafas ġenerali xieraq għall-istabbiltà makroekonomika u r-riforma strutturali permezz tal-kundizzjonalità tagħha. Bil-maqlub, il-miżuri ta' politika inklużi fil-Memoranda ta' Ftehim tal-operazzjonijiet ta' MFA ta' spiss ikunu appoġġjati minn assistenza teknika pprovduta mill-UE permezz tal-istrumenti ta' kooperazzjoni regolari tagħha, kif ukoll permezz tal-azzjonijiet settorjali identifikati taħt l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju dirett. Fl-aħħarnett, huma jikkomplimentaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u għanijiet oħrajn tal-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju settorjali aktar fit-tul tal-UE.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Fl-2009, il-Kummissjoni għamlet metaevalwazzjoni komprensiva tal-operazzjonijiet ta' MFA mwettqa bejn l-2004 u l-2008 b'appoġġ minn esperti esterni. Fil-kuntest ta' din il-metaevalwazzjoni, f'Mejju 2009 il-Kummissjoni organizzat sessjoni ta' ħidma ta' livell għoli li ġabret flimkien uffiċjali mis-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, il-FMI u l-Bank Dinji. Ir-Regolament ta' Qafas propost huwa konsistenti mar-riżultati ta' din il-metaevalwazzjoni u mal-proċess ta' konsultazzjoni, li enfasizza l-ħtieġa ta' proċess imħaffef ta' teħid tad-

deċiżjonijiet u għal bażi legali aktar trasparenti. Huwa konsistenti wkoll mar-Riżoluzzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-MFA adottata mill-Parlament Ewropew fl-2003[6], li talbet għal Regolament ta' Qafas sabiex jitħaffu l-proċeduri tad-deċiżjonijiet u tinħoloq bażi legali aktar ċara. Billi l-għan ewlieni tar-Regolament ta' Qafas propost huwa bidla fil-proċedura tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE għall-operazzjonijiet ta' MFA, minflok bidla ta' sustanza tal-istrument, il-Kummissjoni ma għamlet ebda Valutazzjoni tal-Impatt formali. L-impatt tar-Regolament propost huwa evalwat f'ċertu dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-proposta.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Bażi legali

B'kuntrast mas-sitwazzjoni skont it-Trattat tal-KE, l-artikolu tat-TFUE li jirregola l-kooperazzjoni ekonomika u finanzjarja ma' pajjiżi terzi (Artikolu 212 tat-TFUE) jinkludi l-MFA. Dan l-artikolu sawwar il-bażi legali għad-deċiżjonijiet dwar l-MFA adottati sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Madankollu, jekk il-pajjiż riċevitur ta' MFA jkun pajjiż li għadu qiegħed jiżviluppa, id-deċiżjoni tiġi adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 209 tat-TFUE, li jirregola l-kooperazzjoni għall-iżvilupp min-naħa tal-UE. Billi r-Regolament propost jipprovdi l-qafas għall-operazzjonijiet futuri ta' MFA f'pajjiżi terzi milquta minn kriżijiet, huwa għandu l-istess bażi legali bħad-deċiżjonijiet individwali speċifiċi dwar l-MFA ta' wara Lisbona għal kull pajjiż, jiġifieri l-Artikoli 209 u 212 tat-TFUE.

Barra minn hekk, huwa propost li l-Kummissjoni tkun tista' tadotta deċiżjonijiet dwar l-MFA speċifiċi għal kull pajjiż taħt is-superviżjoni ta' kumitat magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri. Dan huwa rikonoxximent tal-fatt li l-MFA tappartjeni għall-kategorija ta' atti legalment vinkolanti li jeħtieġu li jiġu implimentati b'mod uniformi, u għalhekk ċentralment, kif irregolat mill-Artikolu 291 tat-TFUE dwar is-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-paragrafu 2 tiegħu. Billi d-deċiżjonijiet dwar l-MFA huma abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni b'implikazzjonijiet baġitarji sostanzjali, il-kumitat, imsemmi qabel, ta' rappreżentanti tal-Istati Membri jaġixxi skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni kif stabbilit mir-regolament tal-komitoloġija.[7]

3.2. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Ir-Regolament ta' Qafas propost jikkonċerna l-assistenza finanzjarja tal-UE lil pajjiżi terzi, li huwa qasam ta' kompetenza komuni tal-UE. L-istrument tal-MFA jikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi l-għan li terġa' tinkiseb stabbiltà makroekonomika fuq medda ta' żmien qasir fil-pajjiżi terzi jista' jintlaħaq b'mod aktar effiċjenti u effikaċi mill-UE milli mill-Istati Membri individwalment. L-UE, kollha kemm hi, tista' tiġbor ir-riżorsi finanzjarji u tinnegozja mal-pajjiżi riċevituri dwar il-modalitajiet tal-assistenza u l-kundizzjonijiet politiċi bħala interlokutriċi unika.

3.3. Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan huwa garantit mill-applikazzjoni kontinwa tal-prinċipji ewlenin tal-MFA, bħall-komplementarjetà għall-appoġġ

---

6 ĠU C 68 E, 18.3.2004, p. 86.
7 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011, *op. cit.*

tal-IFI u l-qsim tal-piżijiet ma' donaturi oħrajn, li tiżgura li l-UE ma tkoprix parti indebitament kbira tad-distakk ta' finanzjament ta' pajjiż riċevitur. Barra minn hekk, il-proporzjonalità hija żgurata mill-fatt li l-MFA mhux ser tmur lil hinn mill-approprjazzjonijiet baġitarji awtorizzati u hija konsistenti mal-perspettivi finanzjarji multiannwali.

3.4. L-għażla tal-istrumenti

Ir-Regolament ta' Qafas propost ma jimplika ebda bidla fundamentali ta' sustanza fl-MFA bħala strument; minflok, huwa jiffoka fuq is-semplifikazzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Għal strument bħall-MFA li huwa ġestit ċentralment mill-Kummissjoni għall-UE kollha kemm hi, regolament (kuntrarju għal direttiva) huwa l-istrument legali xieraq sabiex jintlaħaq dan. Regolament ta' Qafas jallinja l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-MFA ma' dawk ta' strumenti oħrajn ta' assistenza esterna, filwaqt li joffri wkoll l-opportunità li jintlaħqu għanijiet oħrajn relatati mal-MFA, bħall-formalizzazzjoni u l-aġġornament tal-kriterji Genval, inkluż li tiġi żgurata l-approvazzjoni formali tagħhom mill-Kunsill u mill-Parlament.

Mod alternattiv konċepibbli sabiex jintlaħaq l-għan ewlieni tas-semplifikazzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-MFA kien ikun l-użu, fuq bażi regolari, tal-Artikolu 213 tat-TFUE għall-MFA. Dan l-artikolu jagħti s-setgħa lill-Kunsill biex "jadotta d-deċiżjonijiet meħtieġa fuq proposta mill-Kummissjoni" meta "s-sitwazzjoni f'pajjiż terz tkun teħtieġ għajnuna (assistenza) finanzjarja urġenti mill-Unjoni". Madankollu, kif enfasizzat mis-servizzi legali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, l-użu ta' proċedura ta' urġenza bħala l-bażi legali regolari għall-operazzjonijiet kollha jew ħafna minnhom skont strument speċifiku, bħall-MFA, ma kienx ikun xieraq.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-Regolament ta' Qafas propost fih innifsu ma jimplika ebda bidla mill-prattika attwali rigward l-għadd ta' operazzjonijiet ta' MFA jew l-ammonti mogħtija f'kull waħda minnhom. In-numru u l-iskala tal-operazzjonijiet jiġu ddeterminati mill-frekwenza u s-severità tal-kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji, kif inhuwa l-każ għal kwalunkwe strument ta' reazzjoni għall-kriżijiet. F'kull każ, l-MFA sejra tibqa' konsistenti mal-perspettivi finanzjarji attwali li jkopru l-perjodu 2007-13 u l-approprjazzjonijiet baġitarji previsti fih.

2011/0176 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-Assistenza Makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209 u 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Billi jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea hija fornitur prinċipali tal-assistenza ekonomika, finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi. L-Assistenza Makrofinanzjarja tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem "assistenza makrofinanzjarja") uriet bil-provi li hija strument effiċjenti għall-istabbilizzazzjoni ekonomika u xprunatur għar-riformi strutturali fil-pajjiżi benefiċjarji. Skont il-politika ġenerali tagħha vis-à-vis il-pajjiżi kandidati, kandidati potenzjali u tal-viċinat, l-Unjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lil dawk il-pajjiżi bil-għan li jiżviluppaw żona ta' stabbiltà, sigurtà u prosperità komuni.

(2) Fil-preżent, l-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi hija bbażata fuq deċiżjonijiet *ad-hoc* għal pajjiżi speċifiċi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan inaqqas l-effiċjenza u l-effikaċja tal-assistenza billi jikkawża dewmien bla bżonn bejn it-talbiet għall-assistenza makrofinanzjarja u l-implimentazzjoni proprja tagħhom.

(3) Qafas għall-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi li magħhom l-Unjoni għandha rabtiet politiċi, ekonomiċi u kummerċjali importanti għandu jagħmel l-assistenza aktar effikaċi. B'mod partikolari, għandu jkun possibbli li tiġi pprovduta assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi sabiex dawn jiġu mħeġġa jadottaw miżuri ta' politika ekonomika li x'aktarx isolvu kriżi ta' bilanċ tal-pagamenti.

(4) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi tat-3 ta' Ġunju 2003[1], talab għal regolament ta' qafas għall-assistenza makrofinanzjarja sabiex jitħaffef il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u biex jiġi pprovdut bażi formali u trasparenti lil dan l-istrument finanzjarju.

---

[1] ĠU C 68 E, 18.3.2004, p. 86.

(5) L-adozzjoni ta' regolament ġenerali għall-assistenza makrofinanzjarja abbażi tal-Artikoli 209 u 212 hija mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 213 tat-Trattat, li jirregolaw l-assistenza finanzjarja urġenti lil pajjiżi terzi, u tal-prerogattivi relatati tal-Kunsill.

(6) Fl-2006, l-Unjoni rristrutturat u ssemplifikat il-qafas tal-assistenza esterna tagħha sabiex tagħmlu aktar effikaċi. Għall-istrumenti finanzjarji esterni ewlenin kollha, hija adottat regolamenti ta' qafas li jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. L-uniku strument prinċipali li bħalissa ma għandu ebda regolament ta' qafas huwa dak tal-assistenza makrofinanzjarja.

(7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2002, il-Kunsill stabbilixxa kriterji (l-hekk imsejħa kriterji Genval) sabiex jiggwidaw l-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja tal-UE.[2] Huwa xieraq li dawn il-kriterji jiġu fformalizzati f'att legali approvat kemm mill-Parlament kif ukoll mill-Kunsill, filwaqt li jiġu aġġornati u ċċarati.

(8) Il-proċeduri u l-istrumenti xierqa għandhom jiġu previsti bil-quddiem sabiex l-Unjoni tkun tista' tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tkun disponibbli bi prontezza, speċjalment meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu azzjoni immedjata. Dan għandu jżid ukoll iċ-ċarezza u t-trasparenza tal-kriterji applikabbli għall-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja.

(9) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tkun konformi mal-prinċipji, l-għanijiet u l-miżuri ewlenin meħuda fi ħdan l-oqsma differenti ta' azzjoni esterna u ma' politiki rilevanti oħrajn tal-Unjoni.

(10) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tappoġġja l-impenji tal-pajjiżi benefiċjarji lejn valuri komuni mal-Unjoni, inkluż id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll lejn il-prinċipji ta' kummerċ miftuħ, ġust u bbażat fuq ir-regoli.

(11) L-għanijiet speċifiċi tal-operazzjonijiet individwali ta' assistenza makrofinanzjarja għandhom jinkludu t-tisħiħ tal-effikaċja, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fil-pajjiżi benefiċjarji. L-issodisfar ta' dawn l-għanijiet għandu jiġi mmonitorjat regolarment mill-Kummissjoni.

(12) Billi l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika fil-pajjiżi terzi msieħba, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(13) L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun kumplimentari għar-riżorsi pprovduti mill-Fond Monetarju Internazzjonali u minn istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali oħrajn u għandu jkun hemm qsim ġust tal-piżijiet ma' donaturi oħrajn. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tiżgura l-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni.

---

[2] Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ecofin – "Reviżjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-UE u l-kapaċità ta' self u garanziji tal-KE għall-azzjonijiet esterni" [Traduzzjoni mhux uffiċjali], it-8 ta' Ottubru 2002.

(14) Sabiex jiġi żgurat il-ħarsien effiċjenti tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta mal-assistenza makrofinanzjarja, jeħtieġ li jiġu previsti miżuri xierqa, mill-pajjiżi benefiċjarji, li huma relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra, u l-ġlieda kontrihom, li huma marbuta ma' din l-assistenza, kif ukoll kontrolli mill-Kummissjoni u verifiki mill-Qorti tal-Awdituri.

(15) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-approvazzjoni u l-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja fil-pajjiżi benefiċjarji, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[3].

(16) Il-proċedura ta' eżaminazzjoni għandha tintuża għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu l-ammont, l-għamla, it-tul ta' żmien u l-kundizzjonijiet ġenerali ta' operazzjonijiet individwali ta' assistenza makrofinanzjarja meta wieħed iqis li tali deċiżjonijiet għandhom implikazzjonijiet baġitarji sostanzjali.

(17) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Ftehim (Memorandum of Understanding - MoU) li jistabbilixxi l-miżuri ta' politika ekonomika assoċjati mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni meta wieħed iqis li l-MoU mhuwiex att implimentattiv ta' ambitu ġenerali, u lanqas att li jinvolvi implikazzjonijiet baġitarji jew implikazzjonijiet għal pajjiżi terzi 'lil hinn minn dawk diġà kkawżati mid-deċiżjoni li tingħata l-assistenza.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għan u l-ambitu tal-assistenza

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għall-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi u territorji eliġibbli kif stipulat fl-Artikolu 2.

2. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun strument finanzjarju eċċezzjonali ta' appoġġ mingħajr irbit u ġenerali għall-bilanċ tal-pagamenti lil pajjiżi terzi u territorji eliġibbli. Hija għandha timmira li tikseb lura sitwazzjoni sostenibbli ta' finanzjament estern għal pajjiżi li jkunu qegħdin jaffrontaw diffikultajiet finanzjarji esterni. Hija għandha ssaħħaħ l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' riforma strutturali u ta' aġġustament b'saħħithom maħsuba biex jirrimedjaw id-diffikultajiet marbuta mal-bilanċ tal-pagamenti.

3. L-assistenza makrofinanzjarja tista' tingħata fuq il-kundizzjoni tal-eżistenza ta' distakk ta' finanzjament estern residwu identifikata b'mod konġunt mal-istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali minbarra r-riżorsi pprovduti mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u istituzzjonijiet multilaterali oħrajn, minkejja l-implimentazzjoni ta' programmi ta' riforma u stabbilizzazzjoni ekonomika b'saħħitha.

---

[3] ĠU L 55, 28.11.2011, p. 13.

4. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun ta' natura temporanja u għandha titwaqqaf malli s-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-pajjiż benefiċjarju tinġieb lura f'sitwazzjoni sostenibbli.

Artikolu 2

Pajjiżi eliġibbli

Il-pajjiżi terzi u t-territorji eliġibbli għall-assistenza makrofinanzjarja għandhom ikunu:

(a) Pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali kif elenkati fil-Punt 1 tal-Anness I għal dan ir-Regolament,

(b) Pajjiżi u territorji koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat kif elenkati fil-Punt 2 tal-Anness I għal dan ir-Regolament,

(ċ) Pajjiżi terzi oħrajn f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati. Tali pajjiżi għandhom ikunu politikament, ekonomikament u ġeografikament qrib l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

L-għamla tal-assistenza

1. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tieħu l-għamla ta' self jew għotja, jew kombinazzjoni tat-tnejn. Sabiex tiddetermina l-għamla xierqa, il-Kummissjoni għandha tqis l-livell ta' żvilupp ekonomiku tal-pajjiż benefiċjarju, kif imkejjel mid-dħul per capita u l-proporzjonijiet tal-faqar, kif ukoll il-kapaċitajiet tiegħu ta' rimborż abbażi ta' analiżi tas-sostenibbiltà tad-dejn.

2. Meta l-assistenza makrofinanzjarja tieħu l-għamla ta' self, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tissellef il-fondi meħtieġa fis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji u li ssellifhom lill-pajjiż benefiċjarju.

3. L-operazzjonijiet ta' self u tislif għandhom isiru fil-munita euro bl-użu tal-istess data tal-valur u ma għandhomx jinvolvu l-Unjoni fit-trasformazzjoni tal-maturitajiet, jew fi kwalunkwe riskju fil-kambju jew fir-rata tal-imgħax.

4. L-ispejjeż kollha mġarrba mill-Unjoni li huma relatati mal-operazzjonijiet ta' self u tislif għandhom jinġarru mill-pajjiż benefiċjarju.

5. Fuq it-talba tal-pajjiż benefiċjarju, u meta ċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self, il-Kummissjoni tista' tiffinanzja mill-ġdid is-self tal-bidu kollu jew parti minnu, jew tirristruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid u ristrutturar għandhom isiru skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4 u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità medja tas-self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont tal-kapital li jkun hemm pendenti fid-data meta jsir il-finanzjament mill-ġdid jew ir-ristrutturar.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja pprovduta f'għotjiet skont dan ir-Regolament għandhom ikunu konsistenti mal-approprjazzjonijiet tal-baġit stabbiliti fil-qafas finanzjarju multi-annwali.

2. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja pprovduta f'self skont dan ir-Regolament għandhom jiġu pprovduti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni[4].

3. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju. L-ammonti ta' referenza korrispondenti għall-perjodu 2011-2013 huma stipulati fl-Anness II.

Artikolu 5

Ammont tal-assistenza

1. L-ammont tal-assistenza għandu jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwu tal-pajjiż benefiċjarju. Dawn għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, abbażi ta' valutazzjoni kwantitattiva komprensiva u ddokumentata sewwa. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ser tfassal fuq l-aħħar projezzjonijiet tal-bilanċ tal-pagamenti għall-pajjiż inkwistjoni prodotti mill-FMI, filwaqt li tqis l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija minn donaturi multilaterali.

2. Id-determinazzjoni tal-ammonti ta' assistenza makrofinanzjarja għandha tqis wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat qsim ġust tal-piżijiet ma' donaturi oħrajn.

3. F'każ li l-ħtiġijiet finanzjarji tal-pajjiż benefiċjarju jonqsu fundamentalment matul il-perjodu tal-ħlas tal-assistenza makrofinanzjarja, il-Kummissjoni, li taġixxi skont l-Artikolu 14 (2), tista' tiddeċiedi li tnaqqas l-ammont ta' fondi disponibbli fil-kuntest tal-assistenza, tissospendi jew tikkanċella l-assistenza.

Artikolu 6

Kundizzjonalità

1. Prekundizzjoni għall-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja għandha tkun li l-pajjiż riċevitur jirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi s-sistemi parlamentari b'bosta partiti, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

2. L-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun kundizzjonali fuq l-eżistenza ta' programm tal-FMI li jinvolvi l-użu ta' riżorsi tal-FMI.

---

[4] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10.

3. L-iżborż tal-assistenza għandu jkun kundizzjonali fuq rekord sodisfaċenti ta' programm tal-FMI. Huwa għandu jkun kundizzjonali wkoll fuq l-implimentazzjoni, fi ħdan qafas ta' żmien speċifiku, ta' serje ta' miżuri ta' politika ekonomika definiti b'mod ċar li jiffokaw fuq riformi strutturali, li jridu jiġu miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż benefiċjarju u jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim.

4. Bil-għan li jħares l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jsaħħaħ il-governanza tal-pajjiżi benefiċjarji, il-Memorandum ta' Ftehim għandu jinkludi miżuri mmirati biex isaħħu l-effikaċja, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

5. Il-progress fuq il-ftuħ reċiproku tas-suq, l-iżvilupp ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli u prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni għandhom ukoll jitqiesu b'mod xieraq fit-tfassil tal-miżuri ta' politika.

6. Il-miżuri ta' politika għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet ta' sħubija, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni jew il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni eżistenti konklużi bejn l-Unjoni u l-pajjiż benefiċjarju u mal-programmi ta' riforma strutturali u ta' aġġustament makroekonomiku implimentati mill-pajjiż benefiċjarju bl-appoġġ tal-FMI.

Artikolu 7

Proċedura

1. Pajjiż li jkun qiegħed ifittex li jingħata assistenza makrofinanzjarja għandu jitlob dan bil-miktub lill-Kummissjoni.

2. Jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, l-Artikolu 2, l-Artikolu 4 u l-Artikolu 6 jiġu ssodisfati, l-assistenza makrofinanzjarja għandha tingħata mill-Kummissjoni billi taġixxi skont l-Artikolu 14(2).

3. Id-deċiżjoni li jiġi pprovdut self għandha tispeċifika l-ammont, il-maturità medja massima u l-għadd massimu ta' pagamenti tal-assistenza makrofinanzjarja. Id-deċiżjoni li tiġi pprovduta għotja għandha tispeċifika l-ammont u l-għadd massimu ta' pagamenti. Fiż-żewġ każijiet, għandu jiġi definit il-perjodu ta' disponibbiltà tal-assistenza makrofinanzjarja. Bħala regola, dan mgħandux jaqbeż it-tliet snin.

4. Wara l-approvazzjoni tad-deċiżjoni li tingħata l-assistenza makrofinanzjarja, il-Kummissjoni, li taġixxi skont l-Artikolu 14(3), għandha tiftiehem mal-pajjiż benefiċjarju dwar il-miżuri ta' politika msemmija fl-Artikolu 6(3), (4), (5) u (6).

5. Wara l-approvazzjoni tad-deċiżjoni li tingħata l-assistenza makrofinanzjarja, il-Kummissjoni għandha tiftiehem mal-pajjiż benefiċjarju dwar it-termini finanzjarji dettaljati tal-assistenza. Dawn għandhom jiġu stabbiliti fi Ftehim dwar Għotja jew Self.

6. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżviluppi fl-assistenza speċifika għall-pajjiż u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.

Artikolu 8

Implimentazzjoni u ġestjoni finanzjarja

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-assistenza skont dan ir-Regolament b'konformità mar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002[5] u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu[6].

2. L-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja għandha tkun taħt ġestjoni ċentralizzata diretta.

3. L-impenji tal-baġit għandhom isiru fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni skont dan l-Artikolu. L-impenji tal-baġit għall-assistenza li testendi fuq għadd ta' snin finanzjarji jistgħu jinqasmu f'pagamenti annwali.

Artikolu 9

L-iżborż tal-assistenza

1. L-assistenza makrofinanzjarja għandha titħallas lill-bank ċentrali tal-pajjiż benefiċjarju.

2. L-assistenza għandha titħallas f'pagamenti suċċessivi, kundizzjonali fuq l-issodisfar tal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) u 6(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) u 6(3) ikomplu jiġu ssodisfati.

4. F'każ li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(2) u 6(3) ma jiġux issodisfati, il-Kummissjoni tista' temporanjament tissospendi, tnaqqas jew tikkanċella l-iżborż tal-assistenza.

Artikolu 10

Miżuri ta' appoġġ

1. Fi ħdan il-limiti msemmija fl-Artikolu 4(1), il-fondi baġitarji tal-Unjoni jistgħu jintużaw sabiex ikopru l-ispejjeż assoċjati mat-tħejjija, is-segwitu, il-monitoraġġ, il-verifika u l-evalwazzjoni tal-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u għall-ksib tal-għanijiet tiegħu.

2. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu implimentati permezz ta' kuntratti ta' konsulenza.

---

5 Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

6 Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1).

3. Meta dawn il-kuntratti ta' konsulenza jaqbżu valur unitarju ta' EUR 250,000, huma għandhom jiġu ffirmati mill-Kummissjoni, billi din issegwi l-proċedura stabbilita mill-Artikolu 14(2).

Artikolu 11

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-pajjiżi benefiċjarji għandhom jivverifikaw regolarment li l-finanzjament ipprovdut mill-baġit tal-Unjoni ntuża kif suppost, jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, jieħdu azzjoni legali biex jirkupraw kwalunkwe fondi pprovduti skont dan ir-Regolament li jkunu ġew miżapproprjati.

2. Kwalunkwe ftehim li jirriżulta minn dan ir-Regolament għandu jkun fih dispożizzjonijiet li jiżguraw il-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tal-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe irregolarità oħra, skont ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2988/95[7], ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96[8] u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999[9].

3. Il-Memorandum ta' Ftehim imsemmi fl-Artikolu 6(3) għandu espliċitament jintitola lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri sabiex iwettqu verifiki, inklużi verifiki tad-dokumenti jew verifiki fuq il-post, bħal valutazzjonijiet operattivi. Il-Memorandum għandu wkoll espliċitament jawtorizza lill-Kummissjoni jew lir-rappreżentanti tagħha biex iwettqu verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96.

4. Matul l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja, il-Kummissjoni għandha timmonitorja, permezz ta' valutazzjonijiet operattivi, il-validità tal-arranġamenti finanzjarji tal-pajjiż benefiċjarju, il-proċeduri amministrattivi u l-mekkaniżmi ta' kontroll intern u estern li huma rilevanti għal tali assistenza.

5. Fejn ikun ġie stabbilit li, fir-rigward tal-ġestjoni tal-assistenza skont dan ir-Regolament, pajjiż benefiċjarju jkun involva ruħu fi kwalunkwe att ta' frodi jew korruzzjoni jew fi kwalunkwe attività illegali oħra detrimentali għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata għall-ħlas lura sħiħ tal-għotja u/jew għall-ħlas lura bikri tas-self.

Artikolu 12

Evalwazzjoni

---

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

9 Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa regolarment ir-riżultati u l-effikaċja tal-assistenza makrofinanzjarja sabiex taċċerta jekk l-għanijiet intlaħqux u sabiex tkun tista' tifformula rakkomandazzjonijiet bil-għan li ttejjeb l-operazzjonijiet fil-ġejjieni.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapporti ta' evalwazzjoni *ex-post* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvalutaw il-livell ta' kontribuzzjoni lill-miri tal-assistenza mogħtija mill-operazzjonijiet ta' MFA li tlestew riċentament..

Artikolu 13

Rapport annwali

1. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress imwettaq fl-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u għandha tissottometti kull sena rapport dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Ir-rapport annwali għandu jevalwa s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-pajjiżi benefiċjarji, kif ukoll il-progress imwettaq bl-implimentazzjoni tal-miżuri politiċi msemmija fl-Artikolu 6(3).

Artikolu 14

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn Kumitat.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (EU) Nru 182/2011.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

PAJJIŻI U TERRITORJI ELIĠIBBLI SKONT L-ARTIKOLU 2(a) U (b)

1. Pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali

L-Albanija

Il-Bosnja-Ħerzegovina

Il-Kroazja

L-Iżlanda

Il-Kosovo (skont ir-riżoluzzjoni 1244/99 tal-KSNU)

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

Il-Montenegro

Is-Serbja

It-Turkija

2. Pajjiżi u territorji koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat

L-Alġerija

L-Armenja

L-Azerbajġan

Il-Belarus

L-Eġittu

Il-Ġeorġja

L-Iżrael

Il-Ġordan

Il-Libanu

Il-Libja

Il-Moldova

Il-Marokk

It-Territorju Okkupat mill-Palestinjani

Is-Sirja

It-Tuneżija

L-Ukraina

ANNESS II

AMMONTI TA' REFERENZA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(3)

Linja baġitarja	Ammonti ta' referenza f'000 euro		
	2011[1]	2012	2013
Impenji f'għotjiet ta' assistenza makroekonomika (Linja baġitarja 01 03 02)	104,869	104,900	137,436

[1] Approprjazzjoni mdaħħla fil-Baġit tal-2011.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦALL-PROPOSTA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali għall-Assistenza Makrofinanzjarjalil Pajjiżi Terzi

1.2. Qasam/Oqsma tal-politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[1]

Qasam tal-politika: Titolu 01 – Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji **Attività: 03 – Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali**

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[2]

X Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ridirezzjonata lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. L-għan strateġiku multiannwali tal-Kummissjoni mmirat mill-proposta:

"Nippromwovu l-prosperità lil hinn mill-UE"

Il-qasam ewlieni tal-attività relatata tad-DĠ ECFIN huwa li jiżviluppa, jissorvelja u jimplimenta assistenza makrofinanzjarja għal pajjiżi terzi, b'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali rilevanti.

1.4.2. L-għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

<u>Għan speċifiku Nru 3:</u> "Nipprovdu assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi sabiex jirrisolvu l-kriżijiet tagħhom rigward il-bilanċ tal-pagamenti u sabiex jirrestawraw is-sostenibbiltà tad-dejn estern"

<u>Attività tal-ABM/ABB ikkonċernata</u>: Ir-Relazzjonijiet Ekonomiċi u Finanzjarji Internazzjonali. Governanza Globali.

[1] ABM: Activity-Based Manageent (Ġestjoni bbażata fuq l-Attività) – ABB: Activity-Based Budgeting (Baġit Ibbażat fuq l-Attività).

[2] Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija

L-għan ewlieni tar-Regolament ta' Qafas propost huwa li jagħmel l-istrument tal-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA) aktar effikaċi permezz ta' simplifikazzjoni tal-proċess tiegħu tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Kif ġie enfasizzat mill-kriżi finanzjarja globali, l-indirizzar b'mod effikaċi tal-emerġenzi makroekonomiċi u finanzjarji jeħtieġ strument ta' reazzjoni għall-kriżijiet li jkun jista' jintuża malajr u b'mod effiċjenti. Dan jirrekjedi sistema ta' teħid tad-deċiżjonijiet li tevita proċeduri twal. Ir-Regolament propost ser iħaffef il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għal operazzjonijiet individwali ta' MFA sabiex l-istrument ikun jista' jgħin aħjar lill-pajjiżi benefiċjarji sabiex jirreżistu għall-pressjonijiet finanzjarji esterni fuq perjodu ta' żmien qasir, filwaqt li jappoġġjahom sabiex jadottaw miżuri li jkunu mfassla biex jiksbu lura pożizzjoni sostenibbli ta' bilanċ tal-pagamenti.

Skont ir-Regolament propost, il-Kummissjoni tkun tista' tadotta deċiżjonijiet dwar l-MFA speċifiċi għal kull pajjiż taħt is-superviżjoni ta' kumitat magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u ppresedut mill-Kummissjoni, skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni. Dan jippermetti li jkun hemm proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet aktar malajr meta mqabbel mal-proċedura każ b'każ applikata għal deċiżjonijiet tal-passat.

Filwaqt li r-Regolament ta' Qafas jikkostitwixxi strument legali ġdid, huwa mhux ser ibiddel is-sustanza tal-MFA.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

L-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' MFA adottati skont ir-Regolament propost sejra tiġi mmonitorjata fuq il-bażi tas-sistema ta' rappurtar regolari tal-indikaturi miftiehma fl-operazzjonijiet ta' MFA, id-dikjarazzjonijiet tal-konformità pprovduti mill-awtoritajiet tal-benefiċjarju qabel il-ħlasijiet u d-dokumenti tal-FMI.

Kif inhi s-sitwazzjoni fil-preżent, kull operazzjoni ta' MFA tkun soġġetta għal evalwazzjoni *ex-ante* u għal evalwazzjoni *ex-post*, li jridu jitwettqu mill-Kummissjoni jew mir-rappreżentanti debitament awtorizzati tagħha fi żmien sentejn wara l-iskadenza tal-operazzjoni. Fir-Regolament propost huwa previst rapport annwali lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, li jkun fih valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet MFA.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda ta' żmien qasir jew twil

Ma ġie identifikat l-ebda rekwiżit partikolari għall-adozzjoni tal-proposta.

Hemm għadd ta' prekundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati mill-pajjiż riċevitur sabiex ikun eliġibbli biex jirċievi MFA. Dawn huma speċifikati fir-Regolament ta' Qafas.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-assistenza finanzjarja pprovduta skont l-operazzjonijiet ta' MFA u l-miżuri ta' politika marbuta magħhom għandhom l-għan li jappoġġjaw l-aġenda tal-UE vis-à-vis

il-pajjiżi riċevituri, notevolment billi jippromwovu l-istabilità makroekonomika u politika fil-viċinat tal-UE. Il-miżuri ta' politika assoċjati mal-MFA jkopru dispożizzjonijiet magħżula relatati, fejn applikabbli, mal-ftehimiet relatati mal-adeżjoni, il-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, il-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat jew id-dokumenti ekwivalenti. Dawn ikopru wkoll kundizzjonijiet oħrajn immirati biex irawmu pożizzjoni baġitarja u ta' bilanċ tal-pagamenti sostenibbli, iżidu t-tkabbir potenzjali, jippromwovu l-integrazzjoni u l-konverġenza regolatorja mal-UE u jsaħħu l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

L-operazzjonijiet ta' MFA jippermettu lill-UE, kollha kemm hi, li tiġbor ir-riżorsi finanzjarji u tinnegozja mal-pajjiżi riċevituri dwar il-modalitajiet tal-assistenza u l-kundizzjonijiet politiċi bħala interlokutriċi unika.

Billi tikkomplimenta r-riżorsi disponibbli mill-IFIs u minn donaturi oħrajn, l-MFA tal-UE tikkontribwixxi għall-effikaċja ġenerali tal-appoġġ finanzjarju miftiehem mill-komunità ta' donaturi internazzjonali.

1.5.3. Lezzjonijiet mitgħallma minn esperjenzi simili fil-passat

Minbarra l-evalwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, fl-2009 saret metaevalwazzjoni tal-operazzjonijiet ta' MFA, li analizzat l-evalwazzjonijiet ta' seba' operazzjonijiet individwali ta' MFA li saru bejn l-2004 u l-2008. Waħda mis-sejbiet tal-metaevalwazzjoni kienet id-dewmien fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-MFA, li hija ddeskriviet bħala nuqqas importanti tal-istrument, meta mqabbel mal-interventi tal-IFIs.

Il-metaevalwazzjoni sabet ukoll li, b'mod ġenerali, l-operazzjonijiet ta' MFA kellhom impatt pożittiv fuq l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali fil-pajjiżi benefiċjarji, partikolarment għar-riformi fis-settur finanzjarju u l-finanzi pubbliċi.

1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn

Kif indikat, l-operazzjonijiet ta' MFA huma kumplimentari għal interventi mill-IFIs, b'mod partikolari l-FMI, u kkoordinati mill-qrib magħhom.

L-MFA u strumenti oħrajn ta' assistenza esterna qegħdin isaħħu lil xulxin. L-MFA tista' żżid l-effikaċja tal-programmi appoġġjati minn strumenti finanzjarji esterni oħrajn tal-UE, b'mod partikolari l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija, billi tikkontribwixxi sabiex tiżgura qafas ġenerali xieraq għall-istabilità makroekonomika u r-riforma strutturali. Bil-maqlub, uħud mill-miżuri ta' politika marbuta mal-operazzjonijiet ta' MFA ta' spiss ikunu appoġġjati minn assistenza teknika pprovduta mill-UE permezz tal-istrumenti ta' kooperazzjoni regolari tagħha, kif ukoll permezz tal-azzjonijiet settorjali identifikati taħt l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju dirett. Fl-aħħarnett, huma jikkomplimentaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u għanijiet oħrajn tal-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju dirett aktar fit-tul.

1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

X Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS]

– X Impatt finanzjarju mill-2011 sal-2013

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mingħajr limitu**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)[3]

X **Ġestjoni ċentralizzata diretta** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** mad-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[4]

– ☐ korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali ***(li jridu jiġu speċifikati)***

Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti :

Il-kooperazzjoni attiva tinkiseb mid-Delegazzjonijiet tal-UE fil-monitoraġġ tal-assistenza.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

Ara t-taqsima 1.4.4 aktar 'il fuq.

[3] Id-dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[4] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Hemm kemm riskji fiduċjarji kif ukoll riskji ta' politika relatati mal-operazzjonijiet ta' MFA.

Hemm riskju li l-MFA tista' tintuża b'mod qarrieqi. Dan ir-riskju huwa relatat ma' fatturi bħall-indipendenza tal-bank ċentrali, il-kwalità tas-sistemi ta' ġestjoni u proċeduri amministrattivi, il-funzjonijiet ta' kontroll u sorveljanza fiċ-ċirkwiti finanzjarji, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT, u l-kapaċitajiet adegwati ta' verifika interna u esterna fil-pajjiż benefiċjarju.

Fir-rigward tar-riskji ta' politika, l-operazzjonijiet ta' MFA huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li l-gvern tal-pajjiż benefiċjarju jibqa' impenjat għall-programm ta' riforma u aġġustament miftiehem mal-FMI. Hemm riskju li l-gvernijiet tal-pajjiż benefiċjarju ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet tal-programm tal-FMI, minħabba li jista' jirriżulta aktar diffiċli li jintlaħqu l-miri tal-programm milli kien preżunt u minħabba li l-kundizzjonijiet politiċi jistgħu jinbidlu.

Fl-aħħarnett, hemm riskju limitat ta' nuqqas ta' ħlas lura tal-MFA pprovduta fil-forma ta' self. Il-programm makroekonomiku ta' riforma u aġġustament appoġġjat mill-operazzjoni ta' MFA u l-arranġament finanzjarju relatat tal-FMI jgħinu sabiex jitnaqqas dan ir-riskju, sal-punt li dawn jikkontribwixxu biex jiksbu lura s-sostenibbiltà fiskali u tal-bilanċ tal-pagamenti. Barra minn hekk, il-proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija għal self estern tal-UE, skont ir-regoli li jirregolaw il-mekkaniżmu tal-Fond ta' Garanzija, hija mmirata biex tindirizza l-implikazzjonijiet negattivi possibbli ta' nuqqas ta' ħlas lura tas-self.

2.2.2. Metodi ta' kontroll previsti

Ara t-taqsima 2.3 hawn taħt.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Is-servizzi tal-Kummissjoni implimentaw programm ta' Valutazzjonijiet Operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u proċeduri amministrattivi fil-pajjiżi terzi kollha li jibbenefikaw mill-MFA tal-UE, konsistenti mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-UE. Il-konklużjonijiet ta' rapporti rilevanti oħrajn tal-FMI u l-Bank Dinji huma kkunsidrati wkoll.

Is-servizzi tal-Kummissjoni, bl-appoġġ ta' esperti esterni maħtura kif xieraq, sejrin iwettqu valutazzjonijiet operazzjonali fil-ministeri tal-finanzi u l-banek ċentrali tal-pajjiżi benefiċjarji. Dawn ir-rapporti jkopru oqsma bħall-istruttura u l-organizzazzjoni tal-ġestjoni, il-ġestjoni u l-kontroll tal-fondi, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT, il-kapaċità ta' verifika interna u esterna, kif ukoll l-indipendenza tal-bank ċentrali.

Ir-Regolament propost jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi. Kull operazzjoni ta' MFA sejra tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Id-

dispożizzjonijiet dwar il-prevenzjoni tal-frodi għandhom jiġu inklużi wkoll fil-Memorandum ta' Ftehim ta' kull operazzjoni ta' MFA.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-linja/i baġitarja/i affettwata/i

- Linji baġitarji tal-infiq eżistenti:

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u tal-linji baġitarji.

01 03 02 – Assistenza makroekonomika

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
		AD/AMD (5)	minn pajjiżi tal-EFTA[6]	minn pajjiżi kandidati[7]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
4	01 03 02 01 Assistenza makroekonomika	AD	LE	LE	LE	LE

01 04 01 14 – Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija

Intestaturain tal-qafas finanzjarju multiannwali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
		Diff./mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Finanzjarju
4	01 04 01 14 Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija	AD	LE	LE	LE	LE

Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni għandu jiġi allokat skont ir-Regolament tal-Fond, kif emendat. Skont dan ir-Regolament, l-allokazzjoni tas-self hija bbażata fuq l-ammont pendenti tagħhom fi tmiem is-sena. Il-Fond ta' Garanzija qiegħed jipprovdi garanzija lil tliet tipi ta' self estern tal-UE: il-BEI fil-kuntest tal-mandat estern tiegħu, l-Euratom u l-MFA.

Rigward l-operazzjonijiet ta' MFA, il-Fond ta' Garanzija huwa marbut mal-linja baġitarja 01 04 01 04 – garanzija tal-KE għas-self Komunitarju mogħti għall-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi. L-entrata baġitarja ("p.m.") fuq din il-linja tirrifletti l-garanzija baġitarja għal kull self ta' MFA. Hija sejra tiġi attivata biss fil-każ ta' sejħa effettiva fuq il-garanzija. Fid-dawl tal-implimentazzjoni fil-passat, mhuwiex mistenni li tintuża l-garanzija baġitarja.

Linji baġitarji ġodda mitluba: Le.

[5] AD= Approprjazzjonijiet differenzjati / AMD= Approprjazzjonijiet mhux differenzjati
[6] EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[7] Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq l-infiq

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-infiq

EUR miljun (sa 3 punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	4	01 03 02 Assistenza makroekonomika 01 04 01 14 Proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija

EUR miljun

DĠ: ECFIN			**2011**[8]	**2012**	**2013**
• Approprjazzjonijiet operazzjonali (għotjiet)					
Numru tal-linja baġitarja: 01 03 02	Impenji	(1)	104.869	104.900	137.436
	Ħlasijiet	(2)	88.700	88.500	116.000
• Li minnhom, stima tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[9]: valutazzjonijiet operazzjonali u evalwazzjonijiet *ex-post*					
Numru tal-linja baġitarja: 01 03 02	Impenji	(3)	0.700	0.600	0.600
	Ħlasijiet	(4)	0.600	0.600	0.700
• Approprjazzjonijiet operazzjonali (self)					
Numru tal-linja baġitarja: 01 04 01 14	Impenji[10]	(3)	138.880	260.170	200.000
	Ħlasijiet[11]	(4)			58.320

L-ammont ta' proviżjoni jiġi kkalkolat fil-bidu tas-sena "n" bħala d-differenza bejn l-ammont ta' mira u l-assi netti tal-Fond fi tmiem is-sena "n-1". Dan l-ammont ta' proviżjoni huwa introdott fis-sena "n" għall-baġit preliminari "n+1" u effettivament imħallas fi tranżazzjoni waħda fil-bidu tas-sena "n+1" mill-"proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija" (linja baġitarja 01 04 01 14). Konsegwentement, 9 % tal-ammont imħallas effettivament ser ikun meqjus fl-ammont fil-mira fi tmiem is-sena "n-1" għall-kalkolu tal-proviżjoni tal-Fond."

Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	=4+6	243.749	365.070	337.436
	Ħlasijiet	=5+6	88.700	88.500	174.320

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	**5**	" Infiq amministrattiv "

8 Is-sena 2011 hija s-sena meta mistennija tibda l-implimentazzjoni tar-Regolament. Mill-2014, l-ammonti għandhom ikunu konsistenti mal-qafas finanzjarju multi-annwali ġdid li jibda f'dik is-sena.

9 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nfiq b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet ta' MFA.

10 Approprjazzjonijiet għat-tipi kollha ta' self tal-UE: BEI, Euratom u MFA.

11 Stima tal-approprjazzjonijiet tal-ħlas għas-self tal-MFA abbażi biss ta' proviżjoni ta' 9 % tal-ammont pendenti tagħhom fis-sena wara li jsiru l-ħlasijiet.

EUR

		2011[12]	2012	2013	TOTALI
DĠ: ECFIN					
• Riżorsi umani		762,000	762,000	762,000	**2,286,000**
• Infiq amministrattiv ieħor : 01 01 02 11 01 – Spejjeż ta' missjonijiet u rappreżentanza		160,000	133,000	200,000	**493,000**
TOTALI tad-DĠ ECFIN	Approprjazzjonijiet	**922,000**	**895,000**	**962,000**	**2,779,000**

Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Impenji totali = Ħlasijiet totali)	**922,000**	**895,000**	**962,000**	**2,779,000**

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.2.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi[13].

L-approprjazzjonijiet amministrattivi meħtieġa sejrin jiġu ssodisfati mill-approprjazzjonijiet li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew skjerati mill-ġdid, flimkien ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali, jekk tkun meħtieġa, li tista' tingħata għall-ġestjoni tad-DĠ taħt il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji eżistenti.

3.2.2.2. Ir-rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani

– X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

12 Is-sena 2011 hija s-sena meta mistennija tibda l-implimentazzjoni tar-Regolament. Mill-2014, l-ammonti għandhom ikunu konsistenti mal-qafas finanzjarju multi-annwali ġdid li jibda f'dik is-sena.

13 Persunal eżistenti responsabbli mill-operazzjonijiet ta' MFA fid-DĠ ECFIN

L-istima għandha tkun espressa f'ammonti sħaħ (jew sa mhux aktar minn ċifra waħda wara l-punt deċimali)

	2011[14]	2012	2013
Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (l-uffiċjali u l-aġenti temporanji)			
L-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	6.0	6.0	6.0
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)	-	-	-
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)	-	-	-
10 01 05 01 (Riċerka diretta)	-	-	-
Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)[15]			
XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-"pakkett globali")	-	-	-
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)			
XX 01 04 *ss* - fil-Kwartieri Ġenerali			
XX 01 04 *ss* - fid-delegazzjonijiet			
XX 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka indiretta)			
10 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka diretta)			
Linji baġitarji oħrajn (speċifika)			
TOTALI	**6.0**	**6.0**	**6.0**

Ir-riżorsi umani meħtieġa sejrin jimtlew mill-persunal mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-operazzjonijiet ta' MFA u/jew li kienu skjerati mill-ġdid fi ħdan id-DĠ, flimkien ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali, jekk tkun meħtieġa, li tista' tingħata lid-DĠ amministrattiv taħt il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji. L-ispiża tal-persunal meħtieġa fid-desks ġeografiċi sabiex jifformulaw u jimmonitorjaw l-MFA hija stmata fuq il-bażi ta' 50 % tan-nefqa annwali għal uffiċjal fil-grad ta' AD5-AD12 għal kull operazzjoni ta' MFA. Abbażi tal-esperjenza tal-aħħar 5 snin, huma previsti medja ta' 8 operazzjonijiet ta' MFA bħala operazzjonijiet kontinwi jew bħala operazzjonijiet ġodda. Il-funzjonijiet ta' appoġġ, li jinkludu l-koordinazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja, il-kontribuzzjoni għall-valutazzjonijiet operazzjonali u l-evalwazzjonijiet *ex-post*, u x-xogħol segretarjali huma stmati li jirrappreżentaw spiża addizzjonali ta' 50 % ta' dik tad-desks ġeografiċi.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Eż. iħejju memoranda ta' ftehim u ftehimiet ta' self jew għotja, jikkoordinaw mal-awtoritajiet u l-IFIs, jikkoordinaw mal-esperti esterni għall-valutazzjonijiet operazzjonali u l-evalwazzjonijiet ex-post, iwettqu missjonijiet ta' reviżjoni u jħejju rapporti dwar il-persunal tal-Kummissjoni, iħejju proċeduri tal-Kummissjoni relatati

[14] Is-sena 2011 hija s-sena meta mistennija tibda l-implimentazzjoni tar-Regolament. Mill-2014, l-ammonti għandhom ikunu konsistenti mal-qafas finanzjarju multiannwali ġdid li jibda f'dik is-sena.

[15] CA= Contractual Agent (Aġent Kuntrattwali); INT= persunal tal-aġenzija ("*Intérimaire")*; JED= "*Jeune Expert en Délégation"* (Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet); LA= Local Agent (Aġent Lokali); SNE= Seconded National Expert (Espert Nazzjonali Ssekondat).

	mal-ġestjoni tal-assistenza, inkluża l-komitoloġija.
Persunal estern	Mhux applikabbli

3.2.3. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali

– X Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva sejra tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali[16].

3.2.4. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta/inizjattiva ma għandha ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi tagħha stess

  – ☐ fuq dħul mixxellanju

[16] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.